A.L. 39 ta' l-2004

ATT TA' L-2003 DWAR L-UNJONI EWROPEA (ATT NRU. V TA' L-2003)

Ordni ta' l-2004 dwar Votanti ta' l-Unjoni Ewropea fl-Elezzjonijiet Lokali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att ta' l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' l-2004 dwar Votanti ta' l-Unjoni Ewropea fl-Elezzjonijiet Lokali.

Għan u Skop ta' l-Ordni.

2. (1) Dan l-Ordni jagħti effett lid-Direttiva tal-Kunsill 94/80 EC tad-19 ta' Diċembru, 1994, li tistipula arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju tad-dritt li għandhom ċittadini ta' l-Unjoni li jkunu residenti fi Stat Membru li ma jkunux nazzjonali tiegħu, li jivvotaw u joħorġu bħala kandidati f'elezzjonijiet muniċipali.

(2) Dan l-Ordni għandu japplika għar-rigward ta' elezzjonijiet taħt l-Att dwar Kunsilli Lokali li jsiru wara l-1 ta' Mejju, 2004.

Lista Elettorali Ewropea.
Kap. 354.
Att XV1 ta' l-2003.

3. Il-Kummissjoni Elettorali għandha wkoll tippubblika l-Lista Elettorali Ewropea li għandu jkun fiha l-lista tal-persuni kollha li jkunu nazzjonali ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea u li jkunu residenti f'Malta u li isimhom ma jkunx jidher fir-Reġistru Elettorali pubblikat skond l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali jew fir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea li jinżamm skond l-Att ta' l-2003 dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, u li skond l-artiklu 5 ta' dan l-Ordni jkollhom jedd jivvotaw f'elezzjonijiet għal kunsilli lokali fil-lokalità tagħhom.

Il-Lista Elettorali Ewropea għandha tkun tagħmel parti mir-Reġistru Elettorali Ewropew.
Kap . 363.

4. Il-Lista Elettorali Ewropea għandha għall-finijiet ta' l-artikolu 5(2) u ta' kull disposizzjoni oħra ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali u bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Ordni, titqies bħala parti integrali mir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea, miżmum taħt l-Att ta' l-2003 dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, u, bla ħsara għal kif hawn qabel imsemmi, id-disposizzjonijiet ta' l-imsemmi Att ta' l-2003 dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, kif japplikaw għar-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea għandhom ikunu wkoll japplikaw għalihom.

Persuni li jkollhom jedd jiġu reġistrati fil-Lista Elettorali Ewropea. Kap . 258.

5. Għall-finijiet ta' l-artiklu 3 ta' dan l-Ordni persuna jkollha jedd li isimha jitniżżel fil-Lista Elettorali Ewropea jekk:

(a) tkun nazzjonali ta' Stat Membru u li isimha ma jkunx jidher fir-Reġistru Elettorali miżmum skond l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali jew ir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea miżmum skond l-Att ta' l-2003 dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew; u

(b) tkun mitluba li jkollha u fil-fatt ikollha karta ta' l-identità skond l-Att dwar il-Karti ta' l-Identità; u

(ċ) twettaq il-ħtiġiet elenkati fil-paragrafi (b) u (ċ) ta' l-artikolu 57 tal-Kostituzzjoni:

Iżda għall-fini ta' dan il-paragrafu residenza fi Stat Membru titqies bħala residenza f'Malta; u

(d) ma tkunx persuna li tinkwadra fid-deskrizzjoni li hemm fil-paragrafi (a) jew (b) jew (ċ) ta' l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-2003 dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.

Reġistrazzjoni fil-Lista Elettorali Ewropea.

6. (1) Kull persuna kwalifikata li tkun reġistrata fil-Lista Elettorali Ewropea tista' tapplika sabiex tiġi reġistrata għand il-Kummissjoni Elettorali fuq dik il-formola li l-imsemmija Kummissjoni tista' minn żmien għal żmien tipprovdi għal dak l-għan.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartiklu (1) ta' dan l-artiklu, il-Kummissjoni Elettorali għandha tniżżel isem kull persuna li tkun hekk kwalifikata fil-Lista Elettorali Ewropea kemm jekk tkun u kemm jekk ma tkunx saret applikazzjoni kif imsemmi f'dak is-subartiklu.